MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 282/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**vs**

**Carmel Zarb ta’ 33 sena imwieled fit-28 ta’ Novembru 1978 il-Pieta’ bin Peter u Alfrida nee’ Calleja u residenti f’numru 11 Noa, Triq in-Nahal, Mosta detentur tal-karta ta’l-identita’ numru 582178(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Carmel Zarb li permezz taghha huwa gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer nhar id-19 ta’ April 2008 fic-Cirkewwa gewwa l-Mellieha f’xi hin bejn nofs inhar u l-erba’ ta’ wara nofs in-nhar volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ ghamel xi hsara fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ZAN222, f’nuccali u telephone

cellulari liema hsara ma jammontawx ghal aktar minn €2330 ghad-dannu ta' Louis Vella.

U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lewis Vella hekk kif iccertfikah Dr. J. Galea MD Reg no. 2682 tal-Gozo Health Centre.

Rat id-dokumenti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tat-23 ta' Gunju 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta illi l-incident mertu ta' dina l-kawza kellu bhala sfond tieghu incident iehor li inqala' ftit tal-hin qabel filwaqt illi l-imputat u l-parti leza kienu fi triqthom fil-vetturi rispettivi taghhom lejn ic-Cirkewwa sabiex jaqbbdu l-vapur ghal Ghawdex.

Illi l-imputat jikkontendi illi hekk kif qabez l-Ghadira u kien sejjer lejn id-direzzjoni tac-Cirkewwa, giet vettura b'velocita qawwija minn warajh. Huwa beda jibza' illi dina l-vettura kienet ser tahbat fih minhabba l-velocita li kienet ghaddejja u ghalhekk spicca saq ghal fuq il-karreggjata l-ohra tat-triq sabiex dina l-vettura tibqa ghaddejja minn hdejh minghajr ma tolqtu. F'dana il-hin huwa jghid illi beza' minhabba l-fatt ukoll li mieghu fil-vettura kien hemm il-familja tieghu u cioe' martu, ibnu u tarbija kif ukoll l-mara ta' huh.

Hekk kif l-imputat wasal ic-Cirkewwa u dahal fil-*marshalling area* jistenna sabiex jirkeb il-vapur, hareg mill-vettura flimkien ma' ibnu biex jippassiggja u hawn osserva il-vettura l-ohra li kienet qed tistenna ukoll fil-kju, izda dina kienet fir-ringila ta' hdejh u iktar lura mill-vettura tieghu.

F’dana il-hin l-imputat avvicina l-vettura tal-parti leza sabiex jitolbu spjegazzjoni ghal dak li kien sehh, izda meta kellem lil Vella, l-imputat jghid li dana injorah. L-imputat hawn haseb li Vella kien ta’ nazzjonalita’ Ingliza u kellmu bl-Ingliz u kien hawn illi Vella wiegbu u infurmah li kien Malti. Jidher illi, kif jghid l-imputat stess, hawnhekk irrita ruhu bl-atteggjament ta’ Vella lejh u dawn qabbdu jitlewwmu tant illi l-imputat jammetti huwa stess li bezaq fuq Vella li f’dak il-hin kien ghadu fil-vettura ma’ martu.

Minn hawn ‘il quddiem hemm konfliggenza dwar dak li sehh bejn dak li jghid Vella u dak li jsostni l-imputat. Vella fix-xhieda tieghu jghid illi l-imputat aggreddieh ghall-ebda raguni. Jghid illi l-imputat bir-rabbja li kellu infexx fil-vettura tieghu billi kissirlu il-mera tal-genb u anke beda jaghti bis-sieq fuq il-bieba tant illi l-vettura sofriet xi hsarat u dana skond kif iccertifika is-surveyor Manwel Arpa.[1] Mart Vella bdiet tipprova iccempel lill-pulizija bil-mobile phone ta’ zewgha, izda bil-fixkla ma setatx u hawnhekk zewgha qabad it-telefon cellulari u beda jipprova jcempel hu, izda jikkontendi illi hawnhekk Zarb qabadlu it-telefon, sabbatulu fl-art u b’hekk inkiser. Vella hareg mill-vettura, izda Zarb hebb ghalih u ikkagunalu xi griehi u dana skond kif gie iccertifikat minn Dr. Joseph Galea.[2] Ix-xhieda tal-parti leza hija ikkonfermata minn martu Josephine Vella li issostni illi hija u zewgha kienu vittmi ta’l-aggressjoni minghajr sens da parti ta’l-imputat.

Illi l-imputat min-naha tieghu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija kif ukoll meta jixhed quddiem din il-Qorti, ghalkemm jammetti illi huwa ikkonfronta lil Vella fuq l-incident li kien inqala’ qabel fl-Ghadira u jammetti illi f’xi hin huwa bezaqlu, madanakollu jichad illi huwa ghamel xi hsara fil-vettura ta’ Vella jew inkella li ikkagunalu xi griehi. Huwa isostni illi l-mera tal-vettura setghet inkissret hekk kif Vella hareg mill-vettura tieghu u bil-fixkla huwa strah fuq dina il-mera jew laqatilu bi zball.[3]

---

[1] Ara xhieda ta’ Manwel Arpa u Dokument MA a fols. 53 et. Seq.
[2] Ara xhieda ta’ Dr. Joseph Galea a fol.10 u certifikat mediku Dokument JG a fol.12
[3] Ara xhieda ta’l-imputat a fol63 et. seq. u stqarrija Dokument TS3 a fol.20

Illi in sostenn ta’ dak li jghid, l-imputat jipproduci zewg xhieda u cioe’ lil martu Desiree Zarb u lil mara ta’ huh Melanie Zarb li kienu mieghu f’dik il-ghodwa fi triqthom lejn Ghawdex ghal btala. Illi dawn it-tnejn minn nies jikkonfermaw l-incident li kien sehh meta kienu gahdhom fit-triq u cioe’ meta isorpassathom il-vettura ta’ Vella b’velocita qawwija tant illi huma spiccaw hadu qatgha kbira. Izda jidher illi meta imbaghad wasslu c-Cirkewwa u il-vettura giet ipparkeggjata fil-*marshalling area* sabiex jistennew il-vapur gej, jidher illi dawn iz-zewg nisa baqghu fil-vettura l-hin kollu. Illi l-incident sehh warajhom u cioe’ fir-ringila l-ohra fejn kien hemm vetturi ohra ipparkeggjata, izda izjed lura. Jghidu illi huma osservaw biss lill-imputat ikellem lil Vella izda peress illi kienu b’darhom lejhom, huma ma tantx taw kas ta’ dak li kien qed jigri u ma indunawx illi l-imputat kien qed jillitika mal-parti leza. Ghaldaqstant dawn iz-zewg xhieda ma tefghux wisq dawl fuq dak illi sehh bejn l-imputat u Vella.[4]

Illi minn dana il-kwadru tac-cirkostanzi kollha li fih sehhet dina l-glieda, l-Qorti tistqarr minghajr tlaqliq illi l-verzjoni moghtija mill-parti leza u minn martu taghmel aktar sens minn dik moghtija mill-imputat u dana ghas-segwenti ragunijiet. Ibda biex ma hemmx dubbju illi l-imputat kien kemmxejn urtat ghal mod kif kien saq Vella meta isorpasshom vicin l-Ghadira. Ma hemmx dubbju illi huwa kien mahsud u irrabjat ghal fatt illi skond hu s-sewqan ta’ Vella seta’ wassal ghal xi incident stradali fejn setghu korrew hu u familtu. Ghalhekk meta lemah lil Vella fil-*marshalling area* huwa mar dritt ghal fuqu ghas-sodisfazzjon. Mela mill-bidu nett l-atteggjament tal-imputat ma kienx xi wiehed kalm u kompost, izda kien fih element ta’ rabbja u irritazzjoni. Meta imbaghad avvicina lil Vella u kellmu u dehrlu illi dana kien qieghed jinjorah, huwa iktar u iktar hassu urtat, kif *del resto* jammetti hu stess, tant illi bir-rabbja li kellu fih huwa spicca bezaq ghal fuq Vella. Hanwhekk dawn it-tnejn minn nies bdew jillitikaw tant illi l-imputat spicca sar iktar aggressiv u tilef kull sens ta’ kontroll. Tant hu hekk illi meta f’xi hin wara wasslu il-pulizija fuq il-post, l-imputat kien ghadu f’sahna kbira u

[4] Ara xhieda ta’ Desiree Zarb u Melanie Zarb a fols. 76 u 83 rispettivament.

aggressiv kif jirrizulta minn dak mistqarr mill-pulizija fir-rapport taghhom:

"**During the time that PS1061 and PC116 were speaking to both persons, Mr. Zarb continued saying rude words and telling Mr. Vella that *kieku lqatli l-karozza u weggajtli t-tifel kont noqtlok u mhux inkissirlek il-karozza*. Mr. Zarb <u>was continually advised</u> to be silent but he kept shouting then he was taken to his car and boarded the ferry.**"[5]

Illi dana l-bran jikkonferma essenzjalment zewg affarijiet, fl-ewwel lok l-attitudni aggressiva ta'l-imputat u fit-tieni lok il-fatt illi l-imputat kien ikkaguna hsara fil-vettura ta' Vella tant illi hu stess jirrimarka illi kieku kienu wegghu familtu, kien jaghmel hsara mhux biss fuq il-vettura ta' Vella izda anke fuq il-persuna tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti ser issib htija fil-konfront ta'l-imputat ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu. Illi dwar il-*quantum* tal-hsara jirrizulta mill-provi illi dawn ma jeccedux l-€1165 u fi kwalunkwe kaz ma tressqet l-ebda prova ghar-rigward ta'l-ammont tal-hsara ikkagjonata fit-telefon cellulari u in-nuccali tal-parti leza. Illi dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Vella, jirrizulta illi dawn kienu griehi ta' natura hafifa kompatibbli mat-taqtiegha li sehhet bejnu u bejn l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt xhur prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

---

[5] Ara rapport a fol.25

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------